

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 4/2014

tal-14 ta' Frar 2014

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 763/2013 tas-7 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 637/2009 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti speċi ta' pjanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adattabilità tad-denominazzjonijiet tal-varjetajiet ⁽¹⁾ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2002/55/KE u 2008/72/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/145/KE fir-rigward tal-isem botaniku tat-tadam ⁽²⁾ tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet fitosanitarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet fitosanitarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE) fil-Parti 1:

— **32013 L 0045:** Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20)."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 18 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 637/2009) fil-Parti 2:

“, kif emendat minn:

— **32013 R 0763:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 763/2013 tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 16)."

3. Dan li ġej jiżdied fil-punt 55 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/145/KE) fil-Parti 2:

“, kif emendat minn:

— **32013 L 0045:** Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/45/UE tas-7 ta' Awwissu 2013 (ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 763/2013 u tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2013/45/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 213, 8.8.2013, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 213, 8.8.2013, p. 20.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.